**NO. 1290**

**LIFE+ - PROGRAMM TA' FONDI EWROPEJ LI JWASSAL GĦAL LOKALITAJIET SOSTENIBBLI**

L-Onor Chris Said, Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni, indirizza seminar intiż għall-kunsilli lokali u għaqdiet mhux governattivi (NGOs) dwar il-Programm Ewropew LIFE+. Is-seminar ġie organizzat mill-MEUSAC flimkien man-*National Contact Point* tal-LIFE+.

Il-programm LIFE+ huwa l-istrument finanzjarju tal-Unjoni Ewropea għall-ambjent u għandu allokat *budget* totali ta' €2.15 biljun bejn il-perjodu 2007 u 2013. LIFE+ jipprovdi opportunità ta' finanzjament għall-inzjattivi fil-qasam ta' żvilupp sostenibbli f'diversi oqsma, bħall-konservazzjoni tal-ambjent naturali u speċi protetti, għajnuna biex jiġi mwaqqaf it-telf tal-biodiversità, u jgħin fl-implimentazzjoni tal-politika u legislazzjoni ambjentali.

Il-programm huwa mibni fuq l-importanza li l-Unjoni Ewoprea tagħti lill-protezzjoni tal-ambjent ta' madwarna u huwa programm li jikkumplimenta strumenti oħra ta' finanzjar immirati biex jipproteġu l-ambjent.

"Il-LIFE+ hu mmirat biex titqajjem kuxjenza ambjentali biex naslu għal bidla pożittiva fl-attitudni tagħna lejn l-ambjent ta' madwarna. Ir-rwol tal-kunsilli lokali u l-NGOs f'dan l-aspett hu essenzjali", stqarr Dr Said.

Il-Kunsilli Lokali u NGO's huma eleġibbli li jipparteċipaw taħt it-tlett sezzjonijiet tal-programm. Dawn jitrattaw il-konservazzjoni tal-ambjent naturali u speċi mhedda kif ukoll azzjonijiet biex iwaqqfu mit-telf fil-bijodiversità; proġetti li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta' legislazzjoni Ewropea marbutin mal-arja, it-tibdil fil-klima, l-ambjent urban, u r-riżorsi naturali, kif ukoll kampanji ta' għarfien relatati ma' xi wieħed mill-oqsma msemmija. Madanakollu l-kunsilli lokali għandhom rwol importanti u jistgħu jkunu ħafna aktar effettivi mill-Gvern ċentrali, fejn tidħol il-komunikazzjoni mar-residenti – u għalhekk it-tielet miżura, jiġifieri dik li titratta kampanji ta' informazzjoni hija dik li tindirizzahom l-iktar, stqarr Chris Said.

"Kampanji ta' gharfien deċentralizzati jistgħu jilħqu ferm aħjar l-għan tagħhom. Bħala kunsilli lokali tistgħu tapplikaw biex tagħmlu kampanji ta' tagħrif dwar

karatteristiċi partikolari li hemm fil-lokalità taghkom u b'hekk tipprovdu informazzjoni u tgħinu biex jiġu mħarsa dawn is-siti", kompla jgħid is-Segretarju Parlamentari.

Chris Said appella lill-kunsilli lokali biex ikomplu jagħmlu użu mis-servizz li qed toffri kontinwament il-MEUSAC - li apparti tagħti informazzjoni lil kulħadd dwar opportunitajiet ta' fondi, qed tagħti wkoll għajnuna fl-applikazzjonijiet u f'ko-finanzjament lill-kunsilli lokali u NGO's.

Dr Said sostna li f'sitt xhur il-*Funding Unit* tal-MEUSAC assistiet f'97 applikazzjoni minn kunsilli lokali u NGO's b'valur totali ta' applikazzjonijiet li jilħaq il-€25,166,870. Grazzi għal din l-għajnuna li qed tipprovdi l-MEUSAC, mhux biss qed nilħqu l-miri ta' applikazzjonijiet Ewropej mill-kunsilli lokali, imma qed nissorpassawhom, stqarr Chris Said.

Is-Segretarju Parlamentari qal ukoll li x-xahar id-dieħel il-MEUSAC għandha tibda tħaddem fond ta' ko-finanzjament għall-għaqdiet mhux governattivi għal proġetti Ewropej.

Il-kelliema l-oħra f'dan is-seminar kienu Maria Elena Attard, il-Life+ *National Contact Point;* Juan Manuel Revuelta, Direttur Ġenerali tal-*Fundación Comunidad Valenciana - Región Europea;* Vince Attard, President tan-Nature Trust Malta u Maria Schembri, Kap tal-*Funding Unit* MEUSAC. Is-seminar tmexxa minn Dr Gabriella Pace, Kap tat-Taqsima tal-Informazzjoni tal-MEUSAC.

**DOI – 27.07.2009**